


# 2010: Is-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali

Ta' kull sena l-Unjoni Ewropea tiddedika sena sħiħa għal tema partikolari. Din is-sena - 2010 - hi s-Sena għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali.

Skont l-UE, persuna titqies f'riskju ta' faqar meta tkun qiegħda tgħix bid-dħul li jkun inqas minn 60% tad-dħul medju ta' familja ta' pajjiżhom stess.

Skont l-istatistiċi tal-Kummissjoni Ewropea, fl-Ewropa hawn mat-78 miljun ruħ li qed jgħixu fir-riskju tal-faqar. Dan jammonta għal 16% tal-popolazzjoni tal-UE, li 19% huma tfal. Għaldaqstant l-UE tħoss il-bżonn li l-gvernijiet nazzjonali u ċ-ċittadini flimkien għandhom jagixxu biex jeqirdu l-faqar.

Matul l-2010 l-UE se timmira li tagħraf id-drittijiet u l-kapacità tal-persuni esklużi li jieħdu sehem attiv fis-soċjetà.

Minbarra l-miri għoljin li qiegħda tipproponi l-UE għall-pajjiżi membri biex jimplimentawhom skont il-kuntest nazzjonali, il-Fond Soċjali Ewropew se jinvesti €10 biljun fis-sena fil-ħiliet tal-persuni fis-27 Stat Membru tal-UE.

L-Istati Membri qegħdin jagħmlu appell biex sas-sena 2012 il-faqar fost it-tfal jonqos b'50%.

Barra minn hekk għandu jkun hemm skemi ta' dħul minimu garantit fost is-27 Stat Membru li jipprovdu pagi ta' mill-inqas 60% tal-paga medja rispettiva.

F'Malta, il-Ministru għall-Politika Soċjali ħejja strateġija ta' attivitajiet nazzjonali bejn il-Gvern  u l-entitajiet u l-atturi kollha li huma involuti fis-sena Ewropea 2010. Mill-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin nisimgħu b'numru ta' attivitajiet imtelgħin bil-għan li jsaħħu iktar l-għanijiet ta' din is-sena Ewropea.

MEU SAC
Malta-EU Steering
& Action Committee
indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt